**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**Onor. Imhallef**
**Joseph Zammit McKeon**

**Illum il-Hamis 10 ta` Dicembru 2015**

**Kawza Nru. 7**
**Rik. Gur. Nru. 1038/15 JZM**

**Cassar Marine Services Ltd**

***kontra***

**M.V. Tiuboda**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-3 ta` Novembru 2015 **bil-procediment sommarju specjali** li jaqra hekk :–

*1. Illi l-esponenti tinsab kreditrici tal-bastiment konvenut fis-somma ta` sebghin elf tlett mija u Ewro u sbatax-il centezmu (€70,301.17) bilanc ta` prezz, inkluz VAT, ta` servizzi moghtija lill-istess bastiment M.V. Tiuboda fuq inkarigu tar-rapprezentanti tieghu, kif jidhru dettaljati fl-invoices u s-sales statement hawn annessi u markati Dokumenti A u B rispettivament.*

*2. Illi minkejja li l-fattura msemmija ntbaghtet lir-rapprezentanti tal-bastiment, u inoltre l-esponenti nterpellat diversi drabi lill-istess bastiment sabiex ihallas il-bilanc hekk dovut, huwa baqa` inadempjenti.*

*3. Illi jezistu l-elementi kollha preskritti bid-disposizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap 12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa mis-smigh taghha billi d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tal-esponenti l-bastiment konvenut ma ghandu ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-ammont imsemmi.*

*Ghaldaqstant, prevja kull dikjarazzjoni li tista` tirrizulta mehtiega, l-esponenti titlob bir-rispett li, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti joghgobha :-*

*i. tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili ; u*

*ii. konsegwentement tikkundanna lill-bastiment konvenut ihallas lill-esponenti s-somma ta` sebghin elf tlett mija u Ewro u sbatax-il centezmu (€70,301.17) bilanc tal-prezz ta` servizzi esegwiti u moghtija lilu kif fuq inghad.*

*Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-bastiment konvenut li jibqa` ngunt minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta` attrici kif ukoll l-elenku ta` dokumenti li kienu prezentati mar-rikors guramentat.

Rat id-digriet taghha tal-10 ta` Novembru 2015 fejn appuntat il-kawza ghas-smigh ghas-seduta tal-lum.

Rat illi l-bastiment konvenut kien debitament notifikat skont il-ligi bir-rikors guramentat u bl-avviz ta` smigh tal-kawza.

Rat illi ghalkemm il-bastiment konvenut issejjah aktar minn tliet darbiet sabiex jidher ghall-udjenza tal-lum, ma deher hadd.

Semghet id-dikjarazzjoni moghtija llum minn Anthony Cassar bhala rapprezentant tas-socjeta` attrici fejn stqarr illi wara t-3 ta` Novembu 2015 il-bastiment konvenut hallas akkont mill-kreditu pretiz mis-socjeta` attrici u cioe` s-somma ta` €50,000, u l-bilanc baqa` ma thallasx.

Rat l-Art. 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ghaldaqstant, fil-kontumacja tal-bastiment konvenut, il-Qorti qieghda :**

**1. Taqta` u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smigh.**

**2. Tikkundanna lill-bastiment konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ridotta ta` ghoxrin elf tlett mija u Ewro u sbatax-il centezmu (€20,301.17), bilanc tal-prezz ta` servizzi esegwiti u moghtija mis-socjeta` attrici, bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-effettiv pagament.**

**3. Tikkundanna lill-bastiment konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**